MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 271/2008

**Kawza Nru: 7**

**Rikors Guramentat Nru: 271/08 AF**

**A B**

**-vs-**

**C D**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta illi:

L-partijiet izzewgu nhar il-5 ta` Gunju, 1998 fil-Parrocca ta` Santu Piju X f`Santa Lucija (Dok A);

Minn dan iz-zwieg twieled wild – tifla li jisimha E li twieldet nhar it-28 ta` Ottubru, 1998.

Il-kunsens tal-partijiet jew xi hadd minnhom inkiseb b`qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

In oltre l-kunsens tal-partijiet jew xi hadd minnhom kien vizjat b`difett serju ta` diskrezzjoni ta` gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b`anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

In oltre il-kunsens tal-partijiet jew xi hadd minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta` xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet jew uhud minnhom dan iz-zwieg hu null ai termini tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta` Malta u dana stante li dan iz-zwieg.

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat nhar il-5 ta` Gunju, 1998 fil-Parrocca ta` Santu Piju X f`Santa Lucija huwa null ai termini tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta` Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hi ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-intimata C D ghazlet li ma tressaq ebda twegiba ghall-kawza.

Rat l-affidavit ta` A B, ir-rikorrent.

Rat l-affidavit ta` *omissis*, missier ir-rikorrent.

Rat l-affidavit ta` *omissis*, omm ir-rikorrent.

Semghet viva voce lill-istess intimata C D.

L-ewwel konsiderazzjoni li qed taghmel din il-Qorti hija li ttenni dak li dejjem irritenew dawn il-Qrati f`materja ta` kontumacja f`annullament ta` zwieg. Kawza b`talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita` ta` zwieg m`hijiex kawza bhal kull kawza ohra civili fejn ma tigi prezentata ebda difiza.

L-istorja wara din ir-relazzjoni hija wahda komunissima. Zewg zghazagh jibdew johorgu flimkien. Wara ftit zmien ir-relazzjoni taghhom tirrizulta fi tqala mhux pjanata. Iz-zghazagh jizzewwgu u z-zwieg jitkisser.

Il-Qorti tinnota li, ghalkemm ingiebu quddiemha poverta` ta` provi dwar ic-cirkostanzi, il-Qorti setghet tislet x`effettivament kienu c-cirkostanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg.

Ir-rikorrent A B jixhed hekk dwar dak li gara:

*"Jiena u C domna kwazi sitt xhur nohorgu flimkien qabel ma harget tqila. F`dawn is-sitt xhur qatt ma tkellimna fuq zwieg u iktar konna mohhna fejn se nohorgu milli haga ohra. Wara qisu sitt xhur C qaltli li mmissjat il-perjodu taghha u eventwalment ikkonfermatli li harget tqila. Jien iggennint ghaliex dan kien pass illi kien ferm ikbar minni. Mohhi mar dritt fuq il-genituri tieghi pero` l-ewwel ghidt lil huti biex l-ahbar jaghtuhielhom huma.*

*Il-genituri tieghi kienu haduha hazin hafna u bi kbira hafna u mill-ewwel hargu bl-idea taz-zwieg. Jiena mill-ewwel ghidt iva, wahda ghax kont mitluf u t-tieni ghax iddecidejt li bhalma naghmel f`kollox inhalli f`idejhom.*

*Fil-fatt izzewwigna xi tlett xhur wara. Missier C assolutament ma riedx li hi tizzewweg pero` C accettat li tizzewweg ghax hasset li t-tarbija ghandu jkollha upbringing ta` familja. Il-verita` hi li la jien u lanqas C ma kellna idea ta` x`inhu z-zwieg u C kien iktar mohha li*

*jkollha tieg isbah minn huha milli dwar il-pass li konna se naghmlu.*

*Wara li zzewwigna morna noqghodu m`ommi.  Hi riedet li noqghodu ghal rasna.  Dhalna fid-dejn u xtrajna post. Jien sadanittant spiccajt minn xoghol iehor u kelli xi nghid ma` missierha.  Minn hemm hi bdiet tohrog ghal rasha u l-affarijiet baqghu sejrin ghal hazin ... sakemm fl-ahhar isseparajna.*

*Jiena meta nhares lura ghaxar snin illum ninduna kemm lanqas biss ma kelli idea ta` x`inhu zwieg u r-responsabbilitajiet taz-zwieg.  Cert illi kieku ma kinitx ghall-pressjoni tal-genituri u l-migja tat-tarbija assolutament ma kontx nizzewweg".*

Mill-ftit rigi ta` affidavit li ghamlu l-genituri tar-rikorrent wiehed jinnota illi l-attitudni tal-genituri tal-istess rikorrent fic-cirkostanzi kienet tali li zgur kienet ta` pressjoni fuq iz-zewg zghazagh.

Missier ir-rikorrent jixhed:

*"Jien dak iz-zmien ghaddejt minn krizi mhux zghira u ddispjacieni hafna.  Jien u l-mara tkellimna u ddecidejna li A u C ghandhom jizzewgu.  Irrid nghid li huma qablu ma` dan il-pass pero` zgur li kieku ma kienx ghalina ma kinux jizzewgu.  A kien ghadu zghir hafna dak iz-zmien u fil-fatt iz-zwieg taghhom dam biss xi tlett snin ghaliex imbaghad kien gie jghidli A li hu telaq mid-dar.*

*Jien inhoss illi dak iz-zmien ghalkemm ghamilt ghall-gid ghamilt zball ghaliex iz-zwieg sfurzat ma kienx is-soluzzjoni pero` ghamilt dan b`imhabba ghal ibni".*

*Omissis*, omm ir-rikorrent ukoll kienet tal-istess fehma.

*"Dak il-hin ghaddejt minn depression kbira u ddispjacini l-iktar ghax indunajt illi z-zwieg taghhom, ghalkemm ghamilt ghat-tajjeb, ma kienx is-soluzzjoni ghal ibni u dik it-tarbija li kellu".*

Il-Qorti hi tal-fehma li l-unika attitudni realistika u sensata f`dak il-perjodu kienet dik ta` missier l-gharusa li baqa` jinsisti li z-zghazagh m`ghandhomx jizzewgu.  Iz-zmien ta parir lil kulhadd.

F`dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tinsab sodisfatta illi fiz-zmien li izzewgu l-partijiet f`din il-kawza kien nieqes fit-tnejn li huma dak il-livell ta` diskrezzjoni ta` gudizzju mehtieg ghall-validita` ta` zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara illi z-zwieg kontrattat fil-5 ta` Gunju, 1998 bejn A B u C D huwa null u bla effett ai termini tal-ligi.

L-ispejjez jithallsu mill-partijiet ugwalment.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------